# Teżori Żgħar bi Storja Kbira

Kitba tas-Sur Emmanuel Zammit



Qegħdin fi żmien il-festa u ħarsitna ddur iktar mis-soltu lejn it-tempju maestuż li għandna fir-raħal tagħna; qed nirreferi għall-knisja Arċipretali u Arċimatriċi ddedikata lill-qaddisa Lixxandrina Santa Katerina Verġni u Martri.

Pero ·ftit minna jagħtu kas li fir-raħal tagħna taż-Żejtun barra din il-ġawhra ta' tempju għandna wkoll ġawhra oħra li ħallewlna missierijietna u li sallum nistgħu ngawdu l-ġmiel tagħhom. Qed nirreferi għal bosta knejjes u kappelli li nsibu fiż-Żejtun li xejn inqas mill-knejjes kbar ma jitilfu mill-kobor taghhom kemm f'dik li hi arti li żżejjinhom u kemm f'dik li hi storja li tagħmilhom hekk importanti. F'din il-kitba tiegħi sejjer nagħti ħarsa ħafifa lejn erba' knejjes li nsibu fir-raħal tagħna u li dan flimkien ma' knejjes u kappelli oħra fir-raħal jifformaw parti importanti mis-suborg taż-Żejtun.

***Il-Knisja tal-Ispirtu s-Santu.***



Fi Triq Santa Katerina propju triq quddiem il-knisja parrokjali wieħed isib il-knisja ddedikata lill-miġja tal-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli. Knisja li taf il-bidu tagħha fl-1688 , mibnija fuq il-pjanta tal-magħruf Lorenzo Gafa l-istess arkitett tal-knisja parrokkjali tagħna. Fiha korsija , żewġ kappelluni u koppla li tinkuruna din il-binja arkitettonika mill-isbaħ. Fiha tliet artali ; dak tan-nofs iddedikat lill-miġja tal-Ispirtu s-Santu f'Għid il-Ħamsin. Il-pittura tiegħu dik fuq l-altar tpittret mill-pittur Giannikol Buhagiar fis-seklu 18.pittura b'ilwien vivaċi. Fuq kull naħa ta' din il-pittura wieħed isib biċċtejn pittura li jirrappreżentaw lil San Tumas appostlu u lil San Rafel arkanġlu. L-altar tax-xellug hu ddedikat lill-Madonna tad-Duluri u pittura prinċipali tagħha tpitret mill-pittur Żejtuni Tuse` Busuttil.filwaqt li l-altar tal-lemin hu ddedikat lill-Madonna tal-Pilar.ħaġa mhux komuni h li l-kwadru tiegħu mhux ħpittura iżda skolpit fuq il-ġebla, biċċa xogħol tassew sabiħa. F'din il-knisja wieħed isib l-istatwa devota tal-Madonna ta' Fatima statwa li fis-snin l-imgħoddija kienet ċentru ta' devozzjoni Marjana u ġieli saru pellegrinaġġi biha b'mod speċjali pellegrinaġġi miż-Żejtun għad-dar tal-kleru ġewwa Birkirkara. Din l-istatwa kienet ġiet irregalata lil din il-knisja minnMons. Salvatore Grima. Taħt il-mensola tal-altar maġġur wieħed isib il-fdal imqaddes ta' Santa Fortunata li kien inġab mill-katakombi ta' Ruma.

Il-faċċata ta' din il-knisja ġiet irrinovata fl-1788. Fis-sena 1940 propju fl-14 ta' Lulju Mons. Salvatore Grima iben dehen Żejtuni waqqaf l-Ora Santa iġifieri l-esposizzjoni solenni matul il-ġurnata kollha lejn Ġesu' Ewkaristija fejn jiġi espost għall-qima tal-poplu ħaġa li għadha ssir sal-ġurnata tal-lum.

***Il-knisja tal-Madonna tal-Buon Kunsill***



Il-knisja tal-Maodnna tal-Buon Kunsill inbniet bi flus il-Markiż Neriku Testaferrata u tbierket mill-isqof ta' Malta Alferan. Hi knisja unika fis-sens li hija miksija kollha rħam fin. L-inkwadru titular huwa daqs u kopja ta' dak oriġinali u mal-medda tas-snin ġibed lejh devozzjoni kbira fost il-poplu Żejtuni. Tant li f'din il-kappella bosta min-niesna irċivew is-sagrament taż-żwieġ u oħrajn offrew lit-trabi tagħhom lill-Verġni Marija taħt dan it-titlu hekk sabiħ. Il-kompożitur Carlo Diacono kellu devozzjoni kbira lejn din il-kappella u fil-festa kien hu stess li jidderieġi l-orkestra waqt il-funzjonijiet li kienu jsiru. Il-knisja hi mżejna bi tliet altari dak prinċipali ddedikat lill-Madonna u dak tax-xellug iddedikat lill-Kurċifiss mirakoluż imsejjaħ ta' Lucca. Dak tal-lemin hu ddedikat lil Santu Rokku protettur kontra l-pesta. Tinkuruna lil din il-knisja insibu koppla impittra mill-pittur Taljan Filippo Venuti li tirrappreżenta l-miġja mirakoluża tal-inkwadru tal-Madonna ġewwa Genezzano. Taħt il-koppla l-erba' lunetti nsibu

mpittra figuri ta' San Pietru u San Pawl flimkien ma' tnejn oħra li jirrappreżenta lil San Ġwann Evanġelista u San Ġwann il-Battista.

Kien żmien il-pontifikat tal-Papa Leone xiii meta din il-knisja ġiet mgħollija għad-dinjita` ta' Basilika affiljata mal-Basilika tal-Lateran ta' Ruma. Kienu bosta dinjitarji tal- knisja li kellhom l-okkażjoni li jqaddsu f'din il-knisja. Il-festa għażiża tal-Madonna tal-Buon Kunsill għadha ssir sal-lum in-novena għal disat ijiem sħaħ u lejliet u nhar il-festa fejn tingħad ukoll il-kurunella veru devota lill- Madonna. Issir ukoll il-festa lil San Ġużeppi Labre . Ta' min jgħid li dan il-qaddis fiż-żjajjar tiegħu li kien jagħmel lil bosta santwarji marjani. Ix-xjuħ tagħna fosthom in-nannu tiegħu Piju s-Surgent kien dejjem jirrakkonta li dan Ġużeppi Labre ġie hawn iż-Żejtun fil-knisja tal-Buon Kunsill u l-Markiż li kellu l-kustodja ta' din il-knisja għamel anke karita` miegħu. F'din l-istess knisja nsibu x-xbieha ta' dan il-qaddis li tpittret mill-pittur Giuseppi Calleja. Il-pittur Ġużeppi Cali ħalla l-pittura ta' San Vincenz Ferreri u dik ta' Sant Antnin ta' Padova li ħarġu mill-pinzell tiegħu.

***Il-knisja tas-Sinjura tal-Qalb ta' Ġesu`.***



Fit-triq il-Madonna tal-Ħniena wieħed isib il-knisja sabiħa tal-Madonna tal-Qalb ta' Ġesu' magħna ż-Żwieten magħrufa aktar bħala tas-Sinjura. Din il-knisja nbniet min-Nobbli Margerita dei Conti Manduca u tbierket fil-31 ta'Mejju 1881. Fiha artal wieħed li fuqu hemm statwa sabiħa tal-Madonna bil-Bambin imsejħa tas-Sacro Cuore. Din l-istatwa hi xogħol li sar barra minn pajjiżna aktarx f' Marsilia. Fiha wieħed isib kurċifiss antik u taħtu nsibu mezza bust ta' xbieha devota tad-Duluri xogħol ukoll ta' Marsilia. Xi żmien ilu il-prokuratur tal-knisja kien Carmelo Spiteri inkariġa lill-pittur Pawlu Camilleri Cauchi biex ipitter l-arzell ta' fuq l-altar b'figuri li jirrappreżentaw l-erba' evanġelisti. Għal xi żmien kienet issir il-festa ad unur il-Madonna tas-Sacro Cuore. Il-knisja kienet tintrama b'damask u armar veru rikk. Il-benefattrici ta' din il-knisja kienet in-nobbli Margerita Conti Manduca li tinsab midfuna f'din l-istess knisja.

***Il-knisja tal-Ħniena***



Qiegħdin fis-sena ddedikata lill-Ħniena Dvina u ma nistax inħalli barra il-knisja l-antika ddedikata lill-Madonna tal-Ħniena. Knisja li qiegħda fil-parti taż-Żejtun imsejħa Bir id-deheb. Din il-knisja nbniet b'wegħda minn ċertu Cosimo aktarx wara li kien salva minn xi diżgrazzja dik tal-għarqa. Din il-knisja żgħira ( qed nirreferu għall-parti l-antika) imma ħelwa mżejna b'altar wieħed li fuqu tispiċċa l-pittura l-antika imma devota li tirrappreżenta d-Duluri tal-Madonna tindokra l-ġisem mejjet ta' binha Ġesu'. Fil-parti t'isfel tal-pittura wieħed jinnota xi figuri aktarx erwieħ tal-purgatorju. Il-knisja li naraw llum inbniet fis-sena 1865 fuq l-istess post tal-oħra l-antika li twaqqat biex tagħti post lil dik ġdida. L-altar li hu tal-ġebel jinkorporta



Il-kwadru titulari tal-Verġni Mqaddsa Marija tad-Duluri fil-knisja tal-Ħniena Bir-id-Deheb, Żejtun.

fih post fejn fuq l-irħama ta' fuq wieħed isib bosta relikwiji ta' bosta qaddisin. Taħt il-mensola tal-istess altar insibu relikwarju tal-martri San Giacondo qaddis li fl-imgħoddi n-nies tal-inħawi kellhom devozzjoni speċjali tant li l-isem Giacondo kien popolari ħafna fost l-abitanti ta' dakinhar.

Għal bosta snin fl-aħħar tas-sekli dsatax-il knisja kienet taħt il-prokura tas-saċerdot Żejtuni Dun Ġwann Tabone bniedem li għex ħajja ta' qdusija. Sal-ġurnata tal-lum għadha ssir il-festa tal-Madonna tal-Ħniena fl-eqreb Ħadd tal-15 ta' Settembru fejn fiha jieħdu sehem iż-żewġ baned tagħna.

B'hekk tajna ħarsa ħafifa lejn erba' mill-ħafna knejjes u kappelli li jżejnu lir-raħal tagħna. Bl-arkitettura tagħhom u bl-istorja tagħhom u b'dak kollu li jsawwarhom dawn il-knejjes huma xiehda qawwija li missirijietna veru kellha għal qalbhom it-tempji li b'ħilithom u ħafna sagrifiċċji għamlu ġieh u glorja lill-Hanin Alla.

